

100 sena mill-mewt ta' Karlozzu...

# Karlu Darmanin 1825 -1909

***kitba ta' Silvio Cassar***



L-isem ta' Karlu Darmanin hu marbut ma' diversi xogħlijiet artistiċi mill-isbaħ. Ix-xogħlijiet li wettaq dan l-istatwarju hekk popolari jinsabu mxerrdin fil-gżejjer Maltin b'mod speċjali ġewwa l-knejjes kif ukoll fit-toroq Maltin meta jilbsu l-libsa tal-festa waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi fl-ibliet u l-irħula. Huwa diffiċli li wieħed isemmi x-xogħlijiet artistiċi kollha li ħarġu mingħand dan il-prinċep tal-istatwarji Maltin, imma ser nagħtu ħarsa ħafifa dwar ħidmet Darmanin lil hinn mill-Ħamrun imma wkoll u s'intendi naraw x'patrimonju ħalla hawn ġewwa l-Ħamrun.

Bla dubju, Karlu Darmanin jibqa' mfakkar għal xogħol ta' statwi fil-kartapesta. Darmanin, magħruf bħala Karlozzu, jibqa' mfakkar bħala 'Il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin'. L-istatwi li ħadem leħqu livell għoli ferm f'dik li hija arti, f'dik li hija anatomija u f'dak li hu panneġġjar. Id-dettalji ta' kull statwa li kienet toħroġ mill-bottega tiegħu kienu jkunu statwi ttrattati sal-iċken dettal. B'dan il-mod, Darmanin baqa' famuż fost il-Maltin permezz tal-kontribuzzjoni hekk rikka li ta lejn l-arti sagra f'pajjiżna..

## It-Twelid...

Karlu Darmanin twieled f'Citta' Invictae... l-Isla, fit-30 ta' Awwissu 1825, minn Ġużeppi u Marija, xebba Cumbo. Tgħammed l-għada fl-istess Parroċċa Kolleġġjata ta' Marija Bambina. Ħutu kien jisimhom: Filippu, Marija Karmela, Madalena, Salvatore (iben Salvatore, Ġlormu kien ħadem diversi xogħlijiet fil-kartapesta...San Ġuzepp fil-Parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun stess, San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ u Sacra Cour f'Tas-Sliema) u Giovanni (Giovanni kien statwarju tal-kartapesta wkoll tant li fost xogħlijiet oħra ħadem l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba fl-1876 u tad-Duttrina f'Ħal Tarxien). Ta' min jinnota li missieru kien marmista. L-edukazzjoni u l-ewwel taħriġ tiegħu ħadhom ġewwa l-ħanut ta' missieru Ġużeppi taħt l-isem Giuseppe Darmanin e Figli fi Triq ir-Rebħa ġewwa l-Isla. Kienu jaħdmu l-irħam u lapidi. Kienu jgħinu wkoll lil Karlu fix-xogħol tal-kartapesta. Fil-fatt nafu wkoll li ħutu l-bniet, kienu jimmudellaw għall-figuri tal-persunaġġi nisa bibbliċi u qaddisin. Aktar tard, Karlu kien jimmudella statwi fuq martu jew it-tfal tiegħu wkoll. Jingħad li fuq martu Anetta, Karlu sawwar wiċċ il-Madonna li tinsab fl-istatwa ta' San Gejtanu.





*Karlu Darmanin u martu Annette, xebħa Ready.*

## Iż-Żwieġ...

Ta' 23 sena żżewweġ lil Annette (magħrufa bħala Anna), xebba Ready (ġenituri Skoċċiżi) minn Ħal Għaxaq li kellha 15-il sena. Huma żżewġu nhar is-27 ta' Frar 1848 ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Sal-1884 baqa' joqgħod l-Isla u jaħdem hemm, sakemm imbagħad, Karlu u Annette marru joqogħdu f'dar Strada Reale, il-Ħamrun fejn hemm issa kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu. Karlu kien popolari ferm għax-xogħol artistiku tiegħu, u issa la darba waqqaf il-ħanut tax-xogħol tiegħu, ix-xogħol baqa' ġej, baqa' jagħmlu popolari u ma waqaf qatt jaħdem u jsebbaħ diversi knejjes u toroq matul il-festi tradizzjonali tagħna. Karlu u Annette kellhom familja kbira tant li kellhom 10 subien u 6 ibniet. Is-16-il wild kienu: Emanuele, Francesco, Marija Carmela, Ġużeppi, Cesare, Ġużeppi, Giovanni, Gugliemo, Ġeraldu, Marija Josefa, Marija Vittoria, Francesca, Enrico, Lucia, Renaldo u Marija Carmela.

## L-Arti tal-Kartapesta...

Kif semmejna, Karlu Darmanin ibbrilla bħala statwarju artist fil-qasam tal-kartapesta. Jingħad li din is-sengħa waslet Malta minn Sqallija lejn nofs is-seklu 16. Arti mill-aktar interessanti u bla dubju arti ta' paċenzja kbira. Hija sengħa rikka, li Darmanin ħareġ minnha bħala l-aqwa fost l-aħjar. Din il-ħila tal-artist Malti wriet it-talenti kollha permezz ta' Karlu Darmanin. Però waqt it-tiftix tiegħi sibt xi kritika fuq l-istess Darmanin. Jingħad li Darmanin kien ġieli juża l-istess forma tal-wiċċ, allura nsibu diversi xebħ fl-istatwi li ħarġu minn idejn Darmanin. Eżempju fil-każ fl-istatwa tat-Tradiment ta' Ġuda li nsibu f'Ħal Qormi li jingħad li wiċċ Kristu hu l-istess wiċċ ta' Kristu Salvatur li nsibu f'Ħal Lija. Anke wiċċ Ġuda kien ġa użah fil-vara titulari ta' San Gejtanu. Nota milli nara jien hija li dawn l-uċuħ użahom snin ferm wara. Biżżejjed insemmu li l-istatwa tas-Salvatur saret fl-1864 u l-istatwa tal-bewsa ta' Ġuda saret daqs 40 sena wara. Minkejja kollox, jibqa' fatt li fl-istatwi ta' Darmanin tispikka l-isbuħija tal-uċuħ... dan jagħmlu artist uniku u kbir!

**Karlozzu ġewwa l-Ħamrun...**

Karlu Darmanin ħalla t-timbru tiegħu mnaqqax ukoll f'biċċa xogħol mill-aktar artistika u tant għażiża fost il-Ħamruniżi u d-devoti ta' San Gejtanu. Din hija l-istatwa ta' San Gejtanu meqjuma fil-Parroċċa ddedikata lill-istess qaddis minn Thiene fl-Italja. L-istatwa saret fis-sena 1885 meta Karlu sena qabel fetaħ il-bottega tiegħu proprju ġewwa l-Ħamrun. U l-Ħamruniżi ħallew lil dan Karlu sabiex joħloq statwa ta' San Gejtanu mill-isbaħ. La Karlu kellu l-bottega tiegħu tax-xogħol ġewwa l-Ħamrun, ma setax jonqos li l-istatwa titulari tal-Ħamruniżi ma tkunx ta' Darmanin. U fil-fatt hekk hu għax naraw lil San Gejtanu fl-aqwa parti minn ħajtu fejn Darmanin jippreżentalna l-mument meta l-Madonna qed tipperżenta 'l binha Ġesù lil San Gejtanu.

**Induru dawra ma' pajjiżna u naraw...**

Karlu Darmanin ħadem diversi xogħlijiet għal diversi Parroċċi. Il-lista ma tieqaf qatt! Imma hu d-dover tagħna f'din is-sena li taħbat il-100 sena mill-mewt tiegħu li nagħtu ħarsa lejn uħud mill-istatwi li ħallielna Darmanin. Ibda mill-Għargħur fejn naraw statwa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp, għall-Parroċċa tan-Naxxar ħadem 4 statwi zgħar imma ħelwin ta' San Tumas, Sant'Antnin ta' Padova, il-Madonna ta' Lourdes u Sant'Anna. L-istess jingħad għal Ħal Balzan fejn Karlu ħadem statwa żgħira imma ħelwa ta' San Ġużepp. U xi ngħidu għall-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab ġewwa l-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi, l-istatwi tal-Kunċizzjoni li jinsabu fil-Parroċċi ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u f'Ħal Tarxien rispettivament. Ma nistgħux ma nsemmux statwi tal-Madonna tar-Rużarju li Darmanin ħoloq f'Ħad Dingli, għall-Qrendi, għall-Mellieħa, għan-Naxxar, għall-Ħal Qormi San Ġorġ u għaż-Żurrieq. Għar-Rotunda tal-Mosta ħadem sett Appostli li jintramaw fuq l-artal maġġur matul il-festa tal-Assunta b'sengħa u finezza kbira. Dan ix-xogħol hu mfaħħar l-aktar għall-qagħdiet differenti li ħoloq fl-Appostli. Statwa li mhix komuni u li ssibha biss f'Ħal Qormi hija msejħa l-Anġlu tal-Blandun. Din tintuża waqt il-funzjoni tal-Vġili tal-Għid is-Sibt filgħaxija. Ħaqqu kull tifħir Darmanin għall-wiċċ mill-isbaħ tal-Anġlu! Jingħad li fi żmien Darmanin, biex jirreferu għal xi tifel jew tifla sabiħa u gustuża, missirijietna kienu jgħidu lit-tfal 'qisek anġlu ta' Darmanin.' Daqshekk kienu sbieħ l-uċuħ ta' Darmanin!!

**3 Statwi Titulari...**

U rridu nsemmu li Darmanin ħalla tliet statwi titulari, dejjem xogħol artistiku u mill-aqwa fil-kartapesta. Dawn huma l-istatwa tas-Salvatur li saret fl-1864 għall-Parroċċa ta' Ħal Lija, l-istatwa ta' San Gejtanu għall-Parroċċa tal-Ħamrun li saret fl-1885 li ġa semmejna, u l-istatwa ta' San Ġiljan għall-Parroċċa tal-lokal li jġib l-istess isem li saret fl-1893. Jekk nieħdu spunt minn kull statwa naraw li f'dik tas-Salvatur, l-abbozz kellu 6 personaġġi biss Darmanin ħalla lil Kristu b'idejh merfugħa b'Elija u Mosè f'kull ġenb rispettivament. Fl-abbozz kien hemm ukoll it-3 Appostli – Pietru, Ġakbu u Ġwanni – però l-artist ħallihom barra, s'intendi minħabba l-wisq kobor tal-istess statwa. Fl-istatwa ta' San Ġiljan, li tħallset minn Salvatore Mattei, naraw lill-istess San Ġiljan f'konversazzjoni maċ-ċerva. Bla dubju huma 3 statwi kapolavuri ta' idejn Darmanin.

Insibu wkoll żewġ statwi li kienu jintużaw bħala statwi titulari. Dawn huma ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop kif ukoll ta' Santa Margerita ġewwa s-Sannat. L-istatwa ta' San Leonardu kienet saret fl-1877 u nbidlet fl-1949 ma' statwa oħra (tal-injam) li nġiebet minn Franza. L-istatwa tinsab ġewwa s-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali. Dik ta' Santa Margerita kienet saret fl-1863 u ntużat sal-1890.

Darmanin kien awtur ukoll ta' statwa ta' festa sekondarja. Din l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab meqjuma ġewwa l-Qrendi saret fl-1878.

**Għall-Festi ta' Barra...**

Jekk naraw x'għamel Karlozzu għall-festi ta' barra, nitilgħu sar-Rabat u hemm insibu l-festa ta' San Ġużepp. Darmanin ħoloq 5 statwi armati biswit il-Knisja ta' Ġieżu jsebbħu t-toroq Rabtin li huma ta' Abraham, Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi u David.

Fin-Naxxar naraw statwa ta' Ġuditta, ferm prominenti armata matul il-festa tal-Vitorja li ssir fl-istess lokalità. M'hemmx dubju li Darmanin ħalla t-timbru tiegħu wkoll għall-festa ta' barra f'ġieħ l-Assunta ġewwa l-Mosta. L-istatwi li jintramaw taħt iz-zuntier tar-Rotunda, ta' Sant' Anna, San Ġwakkin (din l-istatwa jingħad li Darmanin mmudellha fuqu nnifsu stess), San Mikiel u San Rafel flimkien ma' 4 anġli li saru għall-kuruna l-kbira u llum jintramaw fil-Pjazza juru l-kapacità ta' Darmanin fl-arti tal-kartapesta. Dawn l-anġli llum qegħdin iżommu brazzi filwaqt li f'idejhom għandhom simboli Marjani...stellarju, xettru, kuruna u ġilju. Statwa li togħġobni ferm, tintrama fi Triq l-Ifran Ħal Lija għall-festa tas-Salvatur. Din hija dik ta' Ġesù qed jitlob l-ilma lis-Sammaritana ħdejn il-bir. Barra minn hekk, fuq iz-zuntier u fi Pjazza Trasfigurazzjoni nsibu 3 statwi oħra ta' Karlu Darmanin li huma t-tliet Appostli li Ġesù ħa miegħu fuq il-Muntanja Tabor li kienu San Pietru, San Ġwann u San Ġakbu. Jingħad li dawn kellhom jiġu kollha fuq l-istatwa titulari tas-Salvatur imma dan ma seħħx. B'hekk Darmanin ħadimhom bħala statwi tat-toroq u għaldaqstant waqt il-ħruġ tal-istatwa tinħoloq l-istess xena tat-Trasfigurazzjoni....eżattament għal ftit minuti ngħixu l-mument ta' dak li ġara fuq it-Tabor.

F'Ħal Luqa, f'Birkirkara u fl-Isla nsibu statwa li tirrappreżenta lil Malta Rebbieħa. L-istatwa ta' l-Anġlu tal-Marċ, li nsibu f'Ħal Tarxien u li tintrama biswit il-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Annunzjata, hija xogħol tal-istatwarju u mgħallem tal-kartapesta Karlu Darmanin. Dan l-Anġlu jirrappreżenta l-qerda tal-ereżija ta' Nestorju li ċaħad li l-Madonna hija Omm Alla.

**Diversi statwi tal-Ġimgħa l-Kbira...**

Meta niġu għal dak li għamel Darmanin f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ġimgħa l-Kbira naraw li dan hu wieħed rikk, vast u anke ġieli innovattiv. Dan jingħad għal diversi vari...ibda bl-istatwa ta' Ġuda jbus lil Kristu li tinsab fil-Knisja Arċimatriċi ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi li għamilha fl-1903. Din it-tip ta' vara kienet xi ħaġa ġdida għall-purċissonijiet li kienu qed jirrankaw ġmielhom f'pajjiżna.

Anke f'Bormla nsibu innovazzjoni fl-istatwa tal-Ort għax poġġa żewġ anġli minflok il-wieħed li mdorrijin naraw. Fl-istatwa tal-Veronika ġewwa l-Mosta, Karlozzu ħoloq xi ħaġa ġdida billi ħdejn l-istess Veronika poġġa tifla wkoll. Ta' sehmu wkoll fi statwi ġewwa ż-Żejtun, fil-Mosta, f'Bormla, f'Ħal Qormi, fl-Isla, fil-Għargħur, f'Ħal Luqa u f'Ta' Ġieżu fir-Rabat u l-Belt Valletta. Bla dubju minn idejn Karlu Darmanin ħarġu l-aktar statwi għall-Ġimgħa l-Kbira.

L-ibliet tal-Mosta u l-Ħamrun flimkien mal-irħula tal-Qrendi, Ħal Kirkop u Ħal Lija żammew ħaj l-isem ta' Karlu Darmanin billi semmew triq għal dan il-ġenju artist Malti li sallum għadu jsebbaħ u jseddaq l-arti f'pajjiżna.



*1. L-istatwa titulari ta' Sam Gejtanu, Ħamrun - għaxqa tal-Ħamruniżi.*

*2. It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu (Salvatur), kapolavur ta' Karlu Darmanin għar-raħal ta' Ħal Lija.*

*3. San Ġiljan - xogħol grazzjuż għall-Parroċċa tal-lokal li jġib isem l-istess Qaddis.*







*Wieħed mill-mijiet ta' anġli u statwi oħra li Karlu Darmanin ħadem għal fuq barra bħala parti mill-armar tal-festi.*

Il-lista tkompli! Però nieqaf hawn. Minkejja dan ix-xogħol kollu mill-idejn bieżla ta' Darmanin, ix-xogħol xorta waħda dejjem ħareġ ta' kwalità, ta' livell. Però l-Ħallieq sejjaħ għal għandu lil Karlu 'Karlozzu' Darmanin fl-età sabiħa ta' 84 sena fis-26 ta' Novembru 1909. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju Marija Addolorata fil-qabar tal-Fratellanza tat-Trinità. Hija grazzja kbira li aħna werrieta ta' opri mill-aktar artistiċi ta' dan l-artist Malti...il-famuż **Karlu Darmanin**.


**Referenzi:**

Żvilupp tad-Devozzjoni jew Kult lejn il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fil-Parroċċa tal-Mosta.
92 -93

Teżori fil-Knejjes Maltin -Il-Mosta. PIN Publications
Awtur - Tony Terribile. pġ 100

Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Malta u Għawdex. PEG Publications 1999. Awtur - Joseph Grech

CampusFM 103.7. Maltin Bħalna (2006). Programm Radjofoniku.

Karlu Darmanin u x-Xogħlijiet Tiegħu għar-Rotunda tal-Mosta. Ktieb tal-Festa Soċjeta' Piroteknika 15 ta' Awwissu – Mosta Festa 2006. Awtur - Joseph G M Borg. pġ 60 - 63

Carlo Darmanin (1825-1909) Il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin. Fuljett maħruġ mill-Għaqda Armar Sant'Elena waqt wirja f'għeluq l-ewwel mitt sena mill-mewt tiegħu.
Awtur - Victor Caruana.




*L-istatwa ta' Kristu fl-Ort, xogħol mill-isbaħ ta' K. Darmanin għall-Parroċċa tal-Kunċizzjoni Bormla.*



*Ġesù Redentur - statwa mill-isbaħ ta' Karlu Darmanin misjuba fil-Knisja ta' Santa Marija, Mosta.*